MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru 274/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**VS**
**LOWELL FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lowell Fenech ta’ 23-il sena, iben Alfred u Dorothy nee’ Risso, imwieled 14 ta’ Jannar 1986 Pieta’, residenti 25, Triq Sant’ Anglu, Sliema u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 76386(M);

Illi huwa akkuzat talli il-25 ta’ Dicembru, 2008, ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ filghodu (03:30a.m.) minn gewwa 121 Lounge li jinsab f’Tarag St. Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta’ *mobile phone* tal-marka Nokia, Euro 40 fi flus kontanti, ‘*credit card’* tal-bank HSBC u set ta’ cwievet ghal ammont komplensi ta’ aktar minn Euro 233 pero anqas

minn Euro 2330 ghad-dannu ta’ Tracy Ann Attard, liema serq huwa kwalifikat bl-‘ammont’ u bil-‘hin’;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.21) u dak ta’ l-imputat (a fol.6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat datat l-1 ta’ Dicembru, 2010;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Lowell Fenech**, hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 261, 267, 270, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa netta ta’ l-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkompensa lill-kwerelanti ghal-eghmilu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------